**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 8 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Jimmy Mifsud**

Illum 24 ta' Awwiuss, 2021,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Jimmy Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 14480(G), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-11 ta' April 2020, ghall-habta ta' 17:45hrs waqt li kien qieghed gewwa Triq Patri Anton Debono S.J., Rabat, Ghawdex u fil-vicinanzi;

1. Volontarjament ta' n-nar lill-bini, vettura, gharix jew lok iehor, izda meta filwaqt ma jkun hemm ebda persuna filwaqt tal-hruq jew volontarjament ta' n-nar lill-materjal li jaqbad u dan il-bini, vettura, gharix jew lok iehor, jew

dan il-materjal, ikun qieghed b' mod li jista' jqabbad il-hruq lil bini iehor, gharix jew lok iehor fejn f' dak il-waqt hemm gewwa jkun hemm xi persuna u dan bi ksur tal-Artikolu 317 tal- Kapitolu 9;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taqbez aktar minn elfejn u hames mitt ewro (€2,500) u li saret ghad-dannu ta' *Omissis* u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u anke matul il-gimghat u x-xhur ta' qabel gewwa r-Rabat, Ghawdex u/jew f' dawn il-Gzejjer;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi talli ghamel uzu ta' xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih gie provdut jew xorta ohra naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjoni jew taghmir jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal- Artiklu 18 tal-Kapitolu 9 u Artikoli 48 (1) (D), 49 (c) tal-Kapitolu 339 tal- Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bl-imgieba tieghu kkaguna biza' lil *Omissis*, li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b' mod li ta' fastidju lil *Omissis* u dan bi ksur tal-Artikolu 251A(1)(a) tal- Kapitolu 9;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded bil-fomm jew b' mezzi ohra lil *Omissis* u dan bi ksur tal-Artikolu 249(2) tal-Kapitolu 9;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija *Omissis*, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412 C tal-

Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' *Omissis* u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a fol. 381 u 382) datata 18 ta' Mejju 2021 li permezz taghha baghat lill-imputat Jimmy Mifsud biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) Fl-Artikolu 317 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikolu 325 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikolu 49 (a) (b) (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Fl-Artikolu 251 B (1) (2) kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att Nru II tal-2021; u 251 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) Fl-Artikolu 251 A (1) (a) (b) (2) (4); u 251 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(6) Fl-Artikolu 249 (1) (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(7) Fl-Artikoli 17; 23; 27; 31; 382 A; 383; 384; 385; 386; 412 C 412 D; 532 A; 532 B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-23 ta' Lulju, 2021, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet u minnhom tilliberah u wara li rat Artikolu 317 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u ikkundannatu tliet (3) snin prigunerija.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412 C u 540 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghdet lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni skont id-digriet hawn anness ghal zmien ta' hames (5) snin mil-lum.

Inoltre wara li rat l-artikolu 532 A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-hati jhallas lura fi

zmien sitt (6) xhur mil-lum lil *Omissis* l-ammont ta' elf ewro (€1000) ghad-danni li kkagunalha fil-garage[1].

Din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija ezegwibbli bl-istess mod bhal li kieku nghatat f' kawza civili bejn l-imputat u l-parte leza *Omissis*.

Finalment wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elfejn tmien mija u tlieta u disghin ewro u ghaxar centezmi (€2893.10) bhala spejjez peritali.

**Konfiska vettura**

Il-Qorti wara li rat artikolu 23 tal-Kap 9 ordnat li l-vettura tal-imputat tal-ghamla Mitsubishi bin-numru tal-pjanci tar-registrazzjoni FBF-494 li kienet fil-pussess tal-imputat fil-gurnata li wettaq ir-reat ta' hruq, tigi konfiskata u tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti ordnat divjet fuq isem il-*parte civile* minn kull mezz tax-xandir.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jimmy Mifsud, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta' Gunju, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha wara li tifli l-provi mill-gdid u tismà s-sottomissjonijiet tad-difiza, tirriforma s-sentenza appallata tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) moghtija mill-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti Tà Gudikatura Kriminali billi thassarha in kwantu sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija fejn gie lliberat mill-bqija tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-esponenti hass ruhhu aggravat b' din is-sentenza in kwantu sabet htija fih tal-ewwel imputazzjoni, u minnha qed jinterponi umili appell quddiem dina l-Onorabbli

---

[1] Dan huwa l-ammont li Omissis ddikjarat li sofriet danni (Fol. 393).

Qorti ghal riforma tà dik is-sentenza in kwantu sabet htija fih tal-ewwel imputazzjoni, u li tigi kkonfermata fil-bqija.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan l-appell huma s-segwenti:-

(i) Illi l-Pulizija hadet passi fil-konfront tal-imputat dwar il-hruq li l-*parte civile* soffriet fil-garaxx mikri lilha fuq semplici suspett wara li ghamlet rapport li l-imputat kien qed idejjaqha, u kienet qeghdha tissusspetta fih li kien hu li harqilha l-garaxx.

(ii) Illi l-*pate civile* stqarret u kkonfermat (a fol- 237) li hi qatt qabel ma sehh l-incident ma kienet irceviet minghand l-imputat ebda thedid tà hsara fuq il-persuna taghha jew fuq hwejjigha jew fuq il-possedimenti taghha.

(iii) Illi ma kien hemm ebda xhieda okulari li raw l-incident tal-hruq kif sehh, u fin-nuqqas tà provi diretti l-ewwel Qorti sejset il-konvinzjoni taghha dwar is-sejbien tà htija biss fuq provi indizzjarji.

(iv) Illi l-provi indizzjarji li fuqhom l-ewwel Qorti sabet htija m' humiex univoci, u m' humiex f' sahhithom bizzejjed kif ser jintwera aktar' il quddiem.

Illi ghalhekk fl-umili fehema tal-esponenti l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f' dan li gej:-

I. Illi jidher car minn ezami tas-sentenza appellata illi l-provi li l-ewwel Qorti strahet fuqhom biex issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni huma biss provi indizzjarji. Minn sentenza tà disà u erbghin pagna, l-Ewwel Qorti immotivat is-sejbien tà htija tal-imputat f' paragrafu wiehed tà disgha linji, f' sentenza wahda li fiha irreferiet bl-aktar mod superficjali ghal mera li nstabet fl-art fit-triq qrib l-inhawi tà fejn sehh l-incident, il-lokalizzazzjoi tac-cellulari, u l-marki taz-zebgha fuq il-bieb tal-garaxx bhala provi li sahhew il-fehma taghha u li wassluha biex tiddikjara li l-ewwel imputazzjoni fil-konfront tal-imputat giet ippruvata.

Illi huwa principju rassodat fid-dottrina u fil-gurisprudenza illi l-provi indizzjarji fil-kamp kriminali jridu jkunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u jridu ikunu

sufficjenti sabiex inisslu konvinciment morali f' mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reità tà l-imputat. Gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Carmel Fenech**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali tad-19 tà Dicembru 2019 (Appell numru 457/2017):-

> *"Kwindi minbarra r-regola li huwa mehtieg li tigi prodotta l-ahjar prova, jekk f' kaz partikolari jkun hemm evidenza li tkun cirkostanzjali, indiretta jew indizzjarji, huwa essenzjali li tali provi indizzjarji jkunu b' sahhithom bizzejjed kif ukoll li jkunu jippuntaw f' direzzjoni wahda u cjoé lejn il-htija tal-imputat u hadd iktar floku. Jekk mill-banda l-ohra l-provi indizzjarji ma jkunux univoci, ma jkunux jistghu jaghmlu prova in sostenn tal-htija tal-imputat."*

Il-Qorti fis-sentenza appena citata ghamlet ukoll dawn l-osservazzjonijiet dwar l-oneru tal-prova fil-kamp penali msejjes fuq il-provi indizzjarji:-

> *"Illi l-partijiet fi proceduri penali, il-Prosekuzzjoni in primis, u li ghandha d-dmir li tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, trid tosservanza dik li hija maghrufa bhala l-best evidence rule, l-ahjar prova li tkun tistà tigi prezentata fil-kaz konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet:* ***Ir-Repubblika tà Malta vs George Spiteri****, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 tà Lulju 2002, gie ritenut is-segwenti:*
>
> *' Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jistà biss jaqà fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jistà, skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke tà persuna wahda jekk b' dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-*

*gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tistà tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jistà ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu tà htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit tà l-univocità taghha, cioé li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati tà dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*
*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, però, din hi prova li facilment tistà tqarraq lil dak li jkun qed jaghmel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.' "*

In oltre u aktar recentement fis-sentenza: **<u>Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 tà Mejju 2014, irriteniet illi:-

*"Biex wiehed jistabilixxi jekk il-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem tà dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b' mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi*

*kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocità tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas tà univocità."*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis William Peter George Zarb Adami**, deciza minn din il-Qorti fis-7 tà Frar 2003 (Appell numru 236/2002) intqal ukoll:-

*"Issa huwa risaput li l-provi jistghu ikunu kemm diretti bhal nghidu ahna x-xiehda tà nies li assistew ghall-incident jew indiretti u cioé dak li jissejhu provi indizzjarji jew ' circumstantial evidence' . Issa apparti li mill-provi diretti ….. hemm certi ' presumptions of fact' li johorgu mill-assjem tar-rizultanzi tal-akkadut, li fil-gurisprudenza antika kienu jissejhu res ipsa loquitur u li llum ikun aktar korrett li jissejhu ' circumstantial evidence' li jistghu jimmilitaw biex min irid jiggudika, jasal ghal certi konkluzzjonijiet dwar ir-responsabbiltà o meno tal-appellat ghall-incident in ezami …..' These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact . It is not obliged to draw them as a matter of law even if there is no further evidence .. (CROSS. R. On Evidence (Butterworths, London , 1979) p.124) (App.Krim. Pol. vs. Claudia Camilleri, 15.11.1996)."*

F' sentenza recenzjuri tà din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet: **Il-Pulizja vs Sylvana Armeni**, deciza fit-18 tà Mejju 2021 (Appell numru 37/2021), din il-Qorti wara li ccitat b' approvazzjoni mis-sentenza l-bran hawn fuq riprodott, ziedet tghid:-

*"Illi anki fid-dawl tà dan l-insenjament l-aktar recenti, f' dan il-kaz hemm certament ' presumptions of fact' , cioe' din il-prezunzjoni tà fatti tqum fejn meta il-' fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti tà certu fatti.' S' intendi bhal kull prova indiretta ohra*

*iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbiltà kriminali tal-imputat jew akkuzat."*

X' kienu ghalhekk dawn l-presunzjonijiet tà fatt li l-ewwel Qorti strahet fuqhom?

**A. Il-mera li nstabet fl-art fit-triq.**

L-Ewwel Qorti hadet bhala prova indizzjarja l-mera tà vettura li l-Pulizija sabet fl-art fit-triq fl-inhawi fejn sehh l-allegat hruq. Din il-mera ma nstabitx fl-art taht jew quddiem il-bieb tal-garaxx sgassat fejn ha jew gie moghti n-nar li jinsab il-gewwa fi *driveway* privata fejn jinsabu garaxxijiet ohrajn, izda nstabet barra fit-triq metri l-boghod mis-sit tal-incident tant li lanqas il-Pulizija ma kienu issupponew il-konnessjoni jew ir-rilevanza taghha mà l-allegat incident. Fi kliem l-Ispettur Bernard Spiteri a fol. 89 "*din il-mera ma ngabritx ghaliex hu (b' riferenza ghal PS 698) ma kienx issupona li kellha x' taqsam mà dan l-incident, ghax din kienet qeghda metri l-boghod minn fejn hu l-garaxx ghax il-garaxx qieghed qisu go sqaq u din kienet qieghda fuq il-bieb tà barra fil-pjazza li qieghed fuq il-bieb tà barra, x' imkien ' il hemmhekk fit-triq, magenb trakk tal-fire engine. U kien qalli li ha jergà jmur fuq il-post fejn raha biex jara ghadhiex hemm u fil-fatt mar u wara ftit infurmani li kienet qieghda hemmhekk u jiena mbaghad kont infurmajt lil Max Xuereb li kien mar fuq il-post, iffotografaha u gabarha hu bhala espert tal-Qorti*." Minkejja li ghall-Pulizija din il-mera saret imbaghad rilevanti ghall-investigazzjonijiet taghhom, xorta wahda baqghu ma ttiehdu ebda kampjuni minn din il-mera ghall-finijiet tà analizi forensika u komparazzjoni, u sahansitra din il-mera baqghet lanqas biss ma giet esibita fl-atti tal-kawza la materjalment u wisq anqas formalment.

L-ezamijiet forensici li saru fuq il-kampjuni taz-zebgha tà kulur iswed li gew elevati minn fuq is-*scene of the crime* mill-*arson expert* Dr. Daniel Vella ma taw ebda rizultati li l-ewwel Qorti setghet torbot il-mera li nstabet fl-art la mat-truck tal-imputat u lanqas mal-marka tà kulur iswed li giet innotata fuq il-wicc tà barra tal-bieb tal-garaxx. Dan l-espert ha zewg kampjuni tà zebgha tà kulur iswed li gew

mehuda min fuq is-*side mirror housing* tal-*pickup* truck tal-ghamla Mitsubishi FBF 494 li allegatament gie wzat biex gie sgassat il-bieb tal-garaxx, u minn fuq il-wicc tà barra tal-bieb tal-garaxx. Dawn il-kampjuni huma rispettivament immarkati bin-numri 02 u 04 fir-relazzjoni tal-espert Dr. Vella. Fi kliem l-espert Dr. Vella dawn il-kampjuni "*ma setghux jigu analizzati bit-teknika tal-micro-Raman Spectometry. Ghaldaqstant ir-rizultati tal-analizi tà dawn il-kampjuni mhux qed tinghata f' dan ir-rapport.*" Fil-konkluzjonijiet tieghu, l-espert Dr. Vella regà tenna li "*rizultati definittivi tà dawn il-kampjuni l-esponenti ghad m' ghandux.*" U kompla tenna dan meta xehed in kontro-ezami fis-seduta tad-19 tà Mejju 2020.

Din il-prova baqghet wahda inkonkluziva, u l-proskuzzjoni halllietha inklonkluziva sal-mument li giet u effettivament iddikajarat il-provi taghha maghluqa. Mill-atti lanqas ma jirrizulta minn imkien li l-espert Dr. Vella ha xi kampjuni minn tal-mera li nstabet fl-art fit-triq, u fin-nuqqas tà dan ma saret ebda analizi ghall-finijiet tà komparazzjoni bejn il-mera li giet elevata u l-kampjun li ttiehed mis-*side mirror housing* tal-pickup.

Mill-atti m' hemm ebda prova li taghmel ness bejn il-mera li nstabet fl-art fit-triq mal-*pickup truck* tal-imputat jew mal-marki taz-zebgha tà kulur iswed li nstab fuq il-wicc tà barra tal-bieb tal-garaxx billi kif jirrizulta mill-provi tal-prosekuzzjoni stess ir-rizultati tal-analizi tal-kampjuni mehuda ma tawx rizultati konkluzivi.

Ghalhekk bid-dovut rispett din il-prova indizzjarja ma kelliex u ma tistax titqies bhala prova b' sahhitha bizzejjed ghas-sejbien tà htija tal-imputat li kien hu li ta' n-nar fil-garaxx u hadd iktar floku.

**B. Il-marki li nstabu fuq il-bieb tal-garaxx.**

Illi dwar din il-prova ohra indizzjarja li rreferiet ghaliha l-ewwel Qorti, johrog car ukoll mir-relazzjoni tal-*arson expert* Dr. Daniel Vella:-

(i) Illi t-tracci tà zebgha iswed mal-bieb huma f' livell notevolment aktar gholi mill-art tad-*driveway* tal-garaxx mill-gholi tal-parafangu tà quddiem tat-

truck tal-imputat. Mill-qisien mehuda mill-espert fotografiku Max Xuereb jirrizulta li t-tracci tà zebgha sewda fuq il-bieb kien gholi tnejn u erbghin (42) pulzier mill-art filwaqt li l-parafangu tal-*pickup truck* huwa gholi mill-art sittax (16) il-pulzier. Ghalkemm Dr. Vella fil-kontro-ezami esprima l-fehma tieghu li l-parafangu tat-truck mizbugh iswed kellu jhalli impatt mal-bieb, però mal-bieb tal-garaxx ma nstabu ebda tracci tà zebgha tà kulur iswed li tikkorrispondi mal-gholi tal-parafangu tat-truck tal-imputat li mir-ritratti a fol. 166 jidher li kellu daqqiet fuqu. Jirrizulta li lanqas ma ttiehdu ebda kampjuni taz-zebgha tal-parafangu. Bla dubbju meta wiehed iqis il-hxuna tal-parafangu kemm jestendi l-barra mill-qafas tat-truck, iz-zebgha tal-parafangu kellha thalli tracci qabel kull tracca ohra tà zebgha tà kulur abjad li nstabet mal-wicc tal-bieb illi jekk veramen kien bit-truck tal-imputat li gie sgassat il-bieb tal-garage, l-ewwel marka li kellu jhalli mal-wicc tal-bieb kien iz-zebgha sewda tal-parafangu.

(ii) Barra minn hekk kif già gie sottomess aktar il-fuq, l-espert Dr. Daniel Vella kien car ukoll dwar il-kampjun taz-zebgha tà kulur iswed mehud mis-*side mirror housing* tat-truck, li t-teknika minnu wzata fl-analizi tà komparazzjoni ma waslitux biex jirnexxielu jqabbel pozittivament il-kampjuni mal-kampjun tat-tracci tà zebgha sewda li nstabet mal-wicc tal-bieb. F' dan ir-rigward l-appellant jirreferi kemm ghar-rapport tal-espert Dr. Daniel Vella a fol. 212 u ghax-xhieda tieghu tal-20 tà Mejju 2021, dwar il-kampjun taz-zebgha sewda fejn qal li: "*…. l-iswed fil-hin li kelli u bl-apparat li kelli ma setax jigi stabbilit, jigifieri ma bediex itini signal u ma tanix signal, so I stopped, jigifieri s' hemmhekk kienet in-nomina tieghi.*"

(iii) Illi l-prosekuzzjoni m' gharrfitx tispjega kif parafangu bhal dak li jidher fir-ritratti a fol. 166 ma halla ebda marka tà zebgha sewda mà l-wicc tal-bieb meta b' impatt li kien qawwi bizzejjed biex gie sgassat il-bieb tal-garaxx, l-ewwel li ma kellu jahbat mal-bieb u jhalli mpatt kien il-parafangu u mhux il-qafas tat-truck. Mal-bieb tal-garage ma nstabet ebda marka tà zebgha sewda tal-istess gholi tal-parafangu mill-art u lanqas ma ttiehed ebda kampjun taz-zebgha tal-parafangu biex setà jigi analizzat mat-tracci tà zebgha sewda li nstabet fuq il-bieb. Mill-qisien mehuda mill-espert fotografiku Max Xuereb it-tracca tà zebgha sewda mal-bieb kienet sitta u ghoxrin (26) pulzier ghola mill-gholi tal-parafanu mill-art tad-*driveway* li teskludi

kompletament li dik il-marka mal-bieb giet ikkawzata bl-impatt tal-parafangu tat-truck tal-imputat.

Ghalhekk m' hemm assolutament xejn x' jorbot il-marki taz-zebgha sewda fuq il-bieb tal-garaxx mal-parafangu tat-truck u lanqas mal-mera li giet elevata mit-triq mat-truck tal-imputat.

(iv) Illi l-kampjun taz-zebgha bajda, ghalkemm l-espert ikkonkluda li l-kampjun taz-zebgha mehud minn fuq it-truck tal-imputat u l-kampjun elevat minn fuq il-wicc tal-bieb tal-garage huwa tal-istess pigment *titanium dioxide*, meta l-espert gie mistoqsi fis-seduta tal-20 tà Mejju 2021, jekk hemmx differenza bejn iz-zebgha bajda tat-truck u zebgha bajda fuq vetturi ohra, huwa wiegeb: "*Imma, ehe, jekk issaqsini vetturi ohra tà zebgha bajda, dawn ukoll ghandhom pigment tà titanium dioxide, nghidlek iva, iva. Jigifieri vetturi ohra bojod ghandhom probabbilment l-istess, ghax ma nistax inkun mija fil-mija cert, imma t-titanium dioxide jinstab ukoll fl-abjad tà hafna vetturi*."

(v) Illi mkien ma jirrizulta mir-relazzjoni tà dan l-espert jekk il-brix li nstab fuq il-wicc tal-bieb kienx brix frisk jew le, analizi li setghet issir facilment meta l-access sar f' inqas minn erbgha u ghoxrin (24) siegha mill-allegat incident.

Illi ghalhekk ukoll anké din il-prova indizzjarja ma kelliex u ma tistax titqies bhala prova b' sahhitha bizzejjed ghas-sejbien tà htija tal-imputat li kien hu li ta' n-nar lill-garaxx u hadd iktar floku.

**C. Localisation tal-mobile u tal-call u l-SMS profiles.**

Illi l-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha qalet ukoll li l-lokalizzazzjoni tac-cellulari kienet prova ohra indizzjarja li tipponta lejn l-imputat bhala l-persuna li wettaq ir-reat. Ghal kuntrarju però tali prova tohloq dubbju kbir, u fil-kamp penali tali dubju kellu jmur favur l-imputat – *in dubio pro reo*. Il-kontenut tar-rapport tà Max Xuereb dwar il-mobile phone localisation u l-SMS profiles jindika b' mod mill-aktar car li dan ir-rapport qatt ma jistà jservi tà prova ghal sejbien tà htija tal-imputat. Ibda biex id-dokument esibit a fol. 103 tal-process mar-rapport tal-espert Max Xuereb u l-annessi

tà mieghu, allegatament mahrug minn rapprezentant tal-Melita Limited, u li fuqu l-espert Xuereb sejjes ir-relazzjoni tieghu, ma jindika minn imkien is-sors cjoé l-isem tal-persuna mill-kumpannja Melita Lmited li minghandu jew minghandha origina l-imsemmi dokument, li hu jew hi responsabbli ghat-taghrif moghti u kompilat f' dak id-dokument, u kemm it-taghrif moghti fid-dokument huwa awtentiku u korrett, tant li d-dokument lanqas m' huwa ffirmat minn hadd u l-prosekuzzjoni ma ressqet lil had minn tal-Melita Limited biex jikkonferma dak id-dokument.

Barra minn hekk id-dokument a fol. 103 fih *disclaimer* dwar kemm it-taghrif moghti huwa wiehed ezatt: "*Please note that these localisations can only be deemed as being an estmate: the mobile phone may have connected to these antennae even though it was outside the area normally covered by these same antennae. Melita Limited does not guarantee the accuracy of the information*."

Illi galhekk meta wiehed jikkunsidra li l-prova xjentifika li fuqha strahet l-ewwel Qorti dwar il-lokalizzazzjoni tac-cellulari lanqas mhi wahda ezatta, imma hi wahda msejsa fuq ' *prediction*' , u li l-process tà lokalizzazzjoni tac-cellulari ' *can only be deemed as being an estimate*' , u l-fatt li ' *the mobile phone may have connected to these antennae even though it was outside the area normally covered by these same antennae*' , l-appellant isibha ferm difficli biex jifhem kif l-ewwel Qorti setghet issibu hati lil hin minn kull dubju ragonevoli tal-ewwel imputazzjonoi.

Illi inoltre, r-rapport huwa nieqes, u l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova ohra mà liema antenna jew antennae qabad ic-cellulari bin-numru 99965980 li t-taghrif moghti dwar il-lokalizzazzjoni tal-istess cellullari l-espert Max Xuereb sejjes ir-rapport tieghu, kif ukoll liema parti tà Ghawdex hi ' *normally covered by these same antennae*". Dan ifisser li quddiem l-ewwel Qorti ma giex stabbilit fejn kien jinstab l-appellant fil-hin li l-garaxx ha n-nar, hlief fuq il-livell tal-grad tal-' possibli' .

Illi apparti dan, il-prosekuzzjoni lanqas ma gabet l-ahjar prova, jew addirittura xi forma tà prova diretta li c-cellulari bin-numru 99965980 li dwaru kienet saret ir-ricerka xjentifika kien jappartjeni lil imputat. Id-dokument a fol. 103 wahdu ma jistax jitqies dokument ufficjali u awtentiku ghal ragunijiet li gew hawn fuq spejgati Ma

tressaq ebda rapprezentant minn tal-Melita Ltd. la biex jikkonferma li n-numru tac-cellulari huwa tal-imputat u lanqas biex jikkonferma l-awtenticità tad-dokument a fol. 103 u jaghti taghrif mà liema antenna jew antennae qabad il-mobile bin-numru 99965980 fil-gurnata u fil-hinijiet mitluba.

Id-dettalji kollha dwar Iiema numri, MSISDN' s u localistation tal-sms' fil-gurnata u fil-hinijiet indikati fir-relazzjoni tà Max Xuereb baqghu ma gew ikkonfermati minn ebda rapprezentant tal-Melita Ltd. Inoltre ma sar, u fin-nuqqas tà prova mà liema antenna jew antennae li l-kumpannija Melia Limited ghandha mxerrdin mà Ghawdex qabad ic-cellullari bin-numru 99965980, lanqas ma jistà jsir ebda ezercizzju tà triangulation tal-antennae li allegatament qabad maghom ic-cellulari fil-hinijiet indikati, aktar uaktar meta jirrizulta li d-distanza bejn ix-Xaghra u r-Rabat, Ghawdex hi biss tà tliet (3) kilometri.

Dwar ir-rapport tal-espert Max Xuereb, l-esponenti ghandu dawn l-osservazzjonijiet x' jissottometti:-

(i) Dwar ic-cctv camera, l-espert Max Xuereb ma ta' ebda indikazzjoni kemm boghod mill-post fejn allegatament sehh in-nar tinsab din ic-cctv camera li minnha ghamel download tal-filmat u l-stills ipprezentati fejn u f' liema triq hi nstallata. Facilment setà jaghti prova tà dan lill-Qorti billi jindika fuq mappa l-post fejn allegatament sehh in-nar u l-post fejn hi nstallata din ic-cctv camera, haga li m' ghamilx. L-ewwel Qorti ma zammitx access u fin-nuqqas tà prova tà dan, il-Qorti ma setghetx taghmel deduzzjonijiet fejn u kemm boghod din ic-cctv camera tinsab mill-post tal-incident.

(ii) L-espert lanqas ma ta' prova liema mill-vetturi li jidhru fil-filmat u fl-stills esibiti hi tà l-imputat. L-ahjar prova kellha u kienet tkun li jaghmel zooming tal-vettura u jigi identifikat in-numru tal-pjanca tal-vettura u dettalji ohra li jorbtu wahda mill-vetturi li jidhru fil-filmat u fl-istills mal-vettura tal-imputat. Fin-nuqqas tà prova cara, din il-Qorti ma tistax taghmel assunzjonijiet u torbot dak li jidher fil-filmat u fl-istills mal-vettura tal-imputat.

(iii) Dwar il-localization tac-cellulari tal-imputat, il-fatt li hareg li fil-hin tal-incident il-mobile tal-imputat kien jinsab f' radius tà bejn tlieta (3) sa hames (5) kilometri mill-post fejn sehh l-allegat incident, lanqas mhi prova fiha nnifisha li ghandha twassal biex torbot lill-imputat mà l-allegat incident.

Illi fil-kamp penali biex l-elementi tà reat jirrizultaw b' mod ampju l-Qorti ma tistax tistrieh fuq suppozizzjonijiet u kongetturi, imma ghandha tara li l-elementi li jikonstitwixxu r-reat li ghalih ikun qieghed jirrispondi l-gudikabbli jissussistu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Bid-dovut rispett l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi, u ghalhekk il-principju ben stabbilit li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-decizjoni tal-ewwel Qorti kemm il-darba din tkun setghet ragonevolment u legalment tasal ghad-decizjoni taghha m' ghandux japplika f' dan il-kaz.

Illi l-esponenti jergà jaghmel riferenza ghas-sentenza recenzjuri fuq citata tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet: **<u>Il-Pulizija vs Sylvana Armeni</u>**,[2] deciza 18 tà Mejju 2021, fejn il-Qorti rrammentat li l-persuna akkuzata ;-

> *"ma ghandha tipprova xejn dwar l-innocenza taghha - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija taghha. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputata, l-onus generali tal-prova, u cioé tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha beyond a reasonable doubt, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad tà buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni. L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzata jrid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f' kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha tà htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera."*

Illi dwar dan il-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti, jigi sottomess bid-dovut rispett li c-cirkostanzi u l-indizzji ma setghu qatt iwasslu lill-ewwel Qorti ghas-sejbien tà htija tal-appellant. Il-provi indizzjarji f' dan il-kaz mhumiex univoci, m'

[2] Deciza mil-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-18 tà Mejju 2021

humiex dik *"il-katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b' sensiela tà ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni."* [**Il-Pulizija vs Abdellah Berrard et**[3],].

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Parctice**[4] b' referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs R** [5] jghid:

> "*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused' s guilt from circumstantial evidence to be sure taht there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet ikkonfermata b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 tà Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**. Il-provi indizzjarji f' dan l-kaz ma jippuntawx f' direzzjoni wahda, izda f' hafna direzzjonijiet, u bid-dovut rispett l-ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment u legalment tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha meta sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni.

**D. Kundanna ghall-hlas tad-danni.**

Illi bla pregudizzju ghall-aggravji tà hawn fuq, l-ewwel Qorti kkundannat ukoll lill-imputat ihallas lil *Omissis* s-somma tà elf ewro (€1,000) f' danni civili tal-oggetti li

[3] Deciza mil-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 tà Mejju 2014
[4] (1997 edition para 10-3
[5]

allegatament kien hemm merfughin fil-garaxx li allegatamant gew mahruqa. Anké f' dan ir-rigward u bid-dovut rispett, l-esponenti ma jistax jifhem kif l-ewwel Qorti waslet ghal kundanna bhal din billi emmnet b' ghajnejha maghluqa d-dikjarazzjoni li ghamlet l-istess *Omissis* li allegatament soffriet b' elf ewro (€1,000) f' danni tal-oggetti li kellha fil-garaxx, meta l-istess dikjarazzjoni la giet ikkorroborata b' ricevuti, invoices jew almenu stejjem minn tal-hanut minn fejn kienu nxtraw u tà kemm effettivament kienu nxtraw l-istess oggetti. Fl-istess waqt ma pprovdiet xejn dwar id-danni li gew ikkagunati fil-garage innfisu u skartat ghal kollox r-relazzjoni tal-Perit nominat minnha stess l-AIC Claude Mallia.

Illi l-appellant jemmen fermement li l-kaz kontra tieghu kien wiehed fabbrikat mill-*parte civile* u s-sieheb taghha Nathan Pace. Kienet l-istess *parte civile* li meta ghamlet r-rapport taghha lill-Pulizija dwar l-incident tal-hruq kienet qalet dwar l-imputat li: "*Kemm il-darba kien heddidni li ha jaghmilli xi haga u anké kien isemmili lill-ex tieghi, il-Walid*", u mbaghad meta xehedet quddiem il-Qorti nnegat b' mod kategoriku li qatt kien hemm jew irceviet theddid minghand l-imputat (ara a fol. 237):-hj

*Spettur: Gieli rcevejt theddid minghandu bil-mobile?*
*Qorti: Heddek ghal xi haga?*
*Xhud: U le.*
*Qorti: Heddek ifisser li taghmel xi haga jew ma taghmilx.*
*Spettur: li ha jweggek.*
*Qorti: Jew ha jweggek jew hekk?*
*Xhud: Ghalija le, ma rajtx theddid.*
*Spettur: Milli baghtlek.*
*Xhud: Le, ma jidhirlix.*

Il-Qorti semghet lill-partijiet jittrattawil-kaz u dan fis-seduta tat-`3 ta' Awwissu 2021 u jirrimettu ruhhom ghas-entenza finali ta' din l-Onorabbli Qorti

Ikkunsidrat,

Rat ix-xhieda ta' l-Ispettur **Bernard Charles Spiteri** moghtija nhar id-19 ta' Mejju, 2020 fejn spjega li nhar il-11 ta' April, 2020 ghall-habta tas-6.00 p.m kien gie infurmat illi kien hemm nar gewwa garaxx f'Tac-Cawla ezattament fi Triq Patri

Anton Debono, ir-Rabat, Ghawdex. Huwa mar fuq il-post flimkien ma PS 676 Edelon Spiteri u fuq il-post kien diga hemm PS 698 u dan kien gja ghalaq ix-xena u kien hemm ukoll il-membri tat-tifi tan-nar li kienu qedin jikkontrollaw in-nirien li kien go garaxx li qieghed f'parti minn garaxxijiet ohra u fuqhom hem il-flatijiet.

Wara li n-nar kien gie kontrollat huwa dahal fil-post fejn kien hemm il-garaxx mahruq flimkien ma PS 676 u PS 698 u innutaw li l-bieb tal-garaxx deher sgassat. L-affarijiet li kien hemm go fih kienu inqerdu, il-hitan kienu kollha nugrufun. Irrizultalhom li l-garax kien mikri lil *Omissis* u meta kelmuha u staqsewha jekk kellhiex suspett f'xi hadd partikolari stqarret li dakinhar stess kienet irrapportat l-ghassa certu Jimmy Mifsud l-akkuzat odjern.

Kienet irraportat li tinsab imdejqa hafna bl-imgieba tieghu billi kien qed jiffitha billi xtaq li jkollu relazzjoni maghha izda hija ma riditx. Qaltilhom li kienet qed tissuspetta li dan il-hruq kien ghamlu hu stess. Tghid li r-rapport li kienet ghamlet l-ghassa kien dahal qabel ma sehh l-incident tal-hruq.

Huwa ghalhekkk kien ta' struzzjonijiet lil PS 698 Shawn Tabone sabiex jmur jara jsibx lill-akkuzat biex jigi arrestat u jibdew bl-investigazzjoni. Ghal habta tat-8.30 p.m dan gie arrestat u l-Magistrat ta' l-ghassa kienet ordnat li issir inkjesta. Qal ukoll li PS 698 kien infurmah li l-akkuzat kien irritorna lura id-dar dakinhar bil-*pick up* tieghu ta' kulur abjad u kien innota li l-mera kienet mqacta u kienet nieqsa minn fuq it-trukk u qallu ukoll li fuq ix-xena tad-delitt fejn it-trukkijiet tal-*fire engine* kien innota mera fl-art pero' din ma ingabritx ghaliex ma kienx issupona li kellha x'taqsam ma dan l-incident ghaliex kienet metri 'l boghod. Is-surgent rega mar fuq il-post u ra li din l-mera kienet ghadha hemm u ghalhekk huwa informa lill-espert Max Xuereb u dan mar fuq ill-post u ffotografha u gabarha fil-kapacita tieghu ta' espert tal-Qorti.

L-ghada hadu t-truk fuq il-post biex jigu imqablin id-daqqiet li kellu l-garaxx mal-gholi tat-trakk u dan sar fil-presenza tal-esperti tal-Qorti u t-trakk sussegwetement ittihed St Andrews fil-*compound* tal-pulizija.

Dakinhar stess tal-11 ta' April, 2020 huwa flimkien ma PS Edelon Spiteri ghall-habta tas-5.50 p.m kienu patrol fl-inhawi ta' ghar Calypso ix -Xaghra u dak il-hin

inzerta kienet ghaddejja persuna bi truk li bdiet iddoqqilhom il-horn ghax ridet taqbizhom u irrizultahom li kien l-akkuzat. Qal li hass li kellu jghid din ix-xhieda ghaliex dakinhar dehrilhom li ma tantx kien qieghed fi stat normali.

L-ghada 12 ta' April, 2020 hadlu stqarrija fil-presenza ta' Dr Mario Scerri u fi-presenza ta' l-esperti tal-Qorti u din tinsab esebita fl-atti markata bhala dok BCS 5[6] u jikkonfermaha fl-intier taghha. Fuq l-garaxx in kwisjtoni kienu jghixu numru ta' nies u waqt il-hin tal-hruq kienu gewwa darhom. Huma gabru ukoll il-mobile phone ta' *Omissis* u dan gie mghoddi lil Max Xuereb halli johrog l-estratti tal-messaggi li allegatament hija kienet qalet li kienet qed tircievi minghand l-akkuzat u wara li l-espert qeda l-inakrigu tieghu dan gie rilaxxjat u mghoddi lill-istess *Omissis*.

In kontro esami tghid li huwa minu li *Omissis* qat ma allegat li kien hemm xi vjolenza domestika bejna u l-akkuzat izda li ken qed ifittxha biex tohrog mieghu. Ma jafx li qatt qalet li l-akkuzat kien isawwatha izda kien qed itiha fastidju ghaliex ried johrog maghha. Irrizultalu izda mhux mill-partijiet li fil-passat kienu johorgu flimkien. Mistoqsi jekk l-mobile phone tal-akkuzat ingabarx jghid li le ghaliex ma instabx. Jaf ukoll li ftit qabel l-akkuzat kien ta' envelope bis-somma ta' €200 lil *Omissis*. Mistoqsi dwar l-*localisations* fuq dan it-telefon jghid li dan kellu sir mill-esepert tal-Qorti.

Nhar is-17 ta' Settmebru, 2020 huwa esebixxa formalment it-truk tal-ghamla Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni FBF 494.

**PS 676 Edelon Spiteri** xehed nhar id-19 ta' Mejju, 2020 u esebixxa l-okkorenza li kien hejja PS 689 li tinsab esebita fl-atti a fol 6 u 7 tal-process dan gie markat bhala dok ES1. Jhid li dakinhar li kien dahal ir-rapport kien mar ma l-ispettur Spiteri fuq il-post fejn tkellem ma *Omissis* u gabar il-versjoni taghha ta' dak li kien gara. Kienu gew il -Membri tal-Armata tal-explosves division u dan ghaliex kienet qed tibza li l-akkzuat setgha kellha xi hag abhala bomba imwahla mal-vettura taghha izda ma sabu xejn. L-ghada kien tkellem ma Max Xuereb u Dr Daniel Vella l-esperti tal-Qorti fuq il-post fejn il-vettura tal-akkuzat tpoggiet mal-bieb tal-

[6] Fol. 20 et seq ta' l-atti

garaxx in kwistjoni biex jipprovaw jaqblu. Il-vettura tal-akkuzat hija tal-ghamla Mitsubishi bajda nurmu ta' registrazzjoni FBF 494.

Qal li ittihdu ukoll xi kampjuni taz-zebgha li kien hemm fuq il-bieb tal-garaxx kif ukoll minn fuq il-vettura tal-akkuzat biex iqabluhom. Jghid li kien mar ukoll ma PC 1280 fid-dar tal-akkuzat biex ifitxu mobile phone izda dan ma instabx. Qal li kien assista ukoll lil Max Xuereb f'xi downloads mic-CCTV footags li kienu saru minn erba' postijiet fir- Rabat Ghawdex, 'Portico' Triq 23 ta' April, 'Dorton Pools', Triq Santa Domenica ir-Rabat, 'Glimmer', Triq Anton Tabone, Rabat Ghawdex u min go residenza private Block F, Bieb B, Flat 6, Triq tac-Cawla, Rabat. Qal li t-truk tal-akkuzat jidher ghaddej fit-toroq indikati fil-footages.

Jghid ukoll li dakinhar tal-incident kien ghaddej patrol ma l-ispettur u jiftakar li f'xi hin wara nofsinhar kienu nizlin lejn l-Ghar ta' Calypso u jiftakar li gie trak warajhom idoqq il-horn u huwa qal *'dan kemm hu mghaggel'* u tefghu mal-gemb, hallewh jghaddi u l-persuna go fih kienet libsa T- shirt iswed u dan ipparkja faccata tad-dahla tal-Ghar ta' Calypso. Deher naqra agitat u kien fuq it-telefon izda ma qallu xejn f'dan ir-rigward.

L-espert **Max Xuereb** xehed nhaar id-19 ta' Mejju, 2020 u kkonferma li kien inghata zewg inkarigi. Wiehed minnhom sabiex jiffotografa l-post fejn kien sar in-nar u biex jghamel down loads ta' CCTV cameras li kien hemm fl-ekwati. It-tieni inkarigu kien *localisation* tal-mobile phone tal-akkuzat u ta' *Omissis* u jara l-messaggi jew telefonati li ghaddew bejniethom. Huwa ghalhekk pprezenta zeeg rapporti li gew markati bhala dok MX1 u MX 2 rispettivament.

L-espert xehed in kontro esami nhar l-20 ta' Mejju ,2021 u jghid li huwa gibed ir-ritratti tal-bumber tal-vettura tal-akkuzat u tal-garaxx li gie danenggjat bil-hruq. Jghid li fir-ritratt esebit minnu a fol. 154 fejn hemm sinjal iswed u jghid li dan hu 42 pulizieri gholi mill-art waqt li l-bumper jinsab 16 il pulzier goli mill-art. Qal li il-vettura kellha diversi daqqiet ohra fuqha u ma jafx minn fejn gew izda sabhom hemm u ffotografhom.

**Dr Daniel Vella** xehed nhar id-19 ta' Mejju, 2021 u kkonferma li kien gie nominat biex jinvestiga hruq li sehh gewwa garaxx numru 23, gewwa Francis Court, fi Triq Patri Anton Debono, Rabat u dan nhar il-11 ta' April ,2020. Huwa ghamel l-

indagini tieghu u lesta r-rapport tieghu. Qal li waqt li kien fuq il-post il-pulizija gabet il-vettura tal-akkuzat fuq il-post biex jaraw jekk it-tracci taz-zebgha li instabu fuq il-post jaqblux ma dawk tal-vettura tal-akkuzat u in oltre biex jittiehdu xi ritratti. Kien qed jigi allegat li l-vettura habtet fil-bieb tal-garaxx. Huwa ha xi kampjuni taz-zebgha minn fuq il-karozza ghaliex kellu suspett li setgha kien iz-zebgha li ittiehdet minn fuq il-bieb tal-garaxx. Jghid li kien hemm zewg kampjuni zebgha bajda u zebgha sewda. Huwa bit-teknina tieghu ghamel komparazzjoni bejn iz-zebgha bajda u zebgha ohra bajda u zebgha sewda ma zebgha zewda ohra. Qal li setgha jahdem fuq il-kampjuni taz-zebgha bajda izda mhux fuq dik ta' kulur iswed. Qal li hemm qbil fil-kulur abjad fil-pigment Titanum Dioxide bejn iz-zebgha fuq il-vettura u dik fuq il-bieb tal-garaxx. Dan fil-fatt indikah fir-rapport tieghu markat bhala dok DV1[7].

Qal li n-nar kien f'post partikolari fil-garaxx f'post lokalizzat fil-parti ta' wara tal-garaxx taht ir-raff u jahseb li n-nar tqabbad fuq is-saqqu li kien hemm. Ma sabx fuel fuq il-post u ghalhekk jeskludi li n-nar tkebbes b'xi fuel. Jghid li kien hemm danni pero' ma kienx l-inkarigu tieghu biex jghid fiex kienu jikkonsistu d-danni sofferti. Ikkonferma li xoghlu f'dan il-kaz kien biex jghamel it-tqabbil taz-zebgha.

Minn esami li saret mill-espert huwa stqar is-segwenti fir-rapport tieghu ;

> *" L-esponenti jikkkonferma li z-ebgha bajda li instabet fuq il-wicc tal-bieb tal-garaxx bin-numru 23 F St Francis Court, fi Triq APatri Debono kienet ta' komposizzjoni simili ghal dik li ttihdet minn fuq il-parafandu ta' quddiem tal Mtsubishi pick-up FBF 494. Kemm il-ramment ta' zebgha estratt minn fuq il pick-up FBF 494 u dak elevat minn fuq il-wicc tal-garaxx kienu t-tnejn li huma maghmulin mill-kompost Titanium Diocide li huwa pigment abjad. Ikkonkluda ukoll I peri z-zeg kampjuni ta' zebgha sewda ma setghux jigu analizzati bit-teknika tal-micro- Raman Spectometry u ghaldaqstant rizultati definittivi ta' dawn il-kampjuni l-esponent ghad m'ghandux'*

In kontro esami nhar l-20 ta' Mejju, 2021 jghid li z-zebgha bajda fuq il-vettura u z-zebgha bajda fuq il-bieb tal-garaxx kienu l-istess izda karozzi ohra bojod ukoll

---

[7] Fol. 201 tal-rpocess

ikollhom Titanium Dioxide pero' ma jistax jkun mija fil-mija cert pero' kkonferma li Titanoum Dioxie jinsab f'**hafna** [8]vetturi. Mistoqsi jekk jistax jikkonferma jekk iz-zebgha li qalgha minn fuq il-bieb tal-garxx gie mill-vettura tal-akkuzat jghid ex admisses "*Jien mhux qed nipprova nghid izda din il-vettura. All right. Qed nghid hemm koincidenza bejn l-abjad ta' fuq il-vettura illi ingabet fuq il-post u l-abjad ta' fuq il-bieb tal-garaxx.'* Ikkonferma li kemm dam fuq il-post hu il-vettura tal-akkuzat tpoggiet f'posizjoni wahda kif murija fir-ritratti u baqghet hekk ma tharkitx.

Jghid ukoll li l-iswed li instab fuq il-bieb ma giex mill-bumper tal-vettura ghax dak kien tal-metal izda jahseb li gie probabilment minn fuq il-mera. pero' fir-rapport tieghu dan ma stabilihx u dan ghaliex ighid ex admisses '*sfortunatament l-istrument li ghandi ma setax jgharaf'*

***Omissis*** xehdet nhar id-19 ta' Mejju, 2020 u tghid li nhar il-11 ta' April, 2020 hija kienet id-dar u cioe fil-fond Blck B Flat 8, Tac Cawla u kellha bzonn tohrog bit-tfal u hekk ghamlet. Waqt li kienet id-dar beda icemplilha l-akkuzat u ma bdietx twiegbu u beda ighidilha '*ha nhalsek mitejn euro (€200)*' Qallha biex tmur ghalihom ix- Xaghra izda ma riditx u irrifjutat. Imbaghad mar u poggilha l-flus f'envelope fuq l-ghatba tal-bieb u dan kien bejn is-1.30 p.m u it-3.30 p.m. Tghid li dawn kienu rigal ghaliha. Qalet li cio nonnotantelma tatx kazu u kompla icemplilha u ma twegbux u anke mar s'ghandha u beda ihabbat minn wara il-bieb u ma fethitlux. Qalet li bdiet tghidlu biex jitlaq u lill-uliedha li kienu maghha werwirhom. Qalet li kienu ghaddejjin ukoll il-messaggi bejniethom u dawn jidhru fuq il-mobile phone li ghaddiet ghand il-pulizija.

Wara cempelt l-ghassa ghaliex bezghet u lil-pulzija qaltlu biex ikelmuh sabiex ma jmurx wara darha. Is-surgent rega cemplilha lura u qallha li kien kelmu pero' li ma setax jassigura li ma kienx ser jerga imur wara biebha. Wara l-4.00p.m. semghet il-*fire engines*. Taf li ommha cempletilha u qaltilha li kienu hdejn il-garaxxijiet. Marret lejn it-tieqa u rat li fid-drive in taghha kien hemm kocc nies u *fire engine*. Qalet li l-garage hu mikri lilha minghad Francis Vassallo u dan jinsab tahtha kemm taqsam il-ground pero' mit-tieqa tarah. Qalet li thallas is-somma ta' e400 kul sitt xhur u hija pprezentat l-ircevuta relattiva li giet markata bhal dok CV1. L-indirizz tal-garage hu 23, St Francis Court, Patri Anton Debono, Tac -Cawla.

---

[8] Sottolinear ta' din l-Onorabbli Qorti

B'heffa libset it-tfal u nizlu lejn il-garaxx u indunat li l-garaxx kien taghha. Rat dahna sewda u hafna nar u l-pulizija marru ikelmuha u staqsewha jekk kellhiex xi cilindri izda ma kellhiex. Qalet li fil-garaxx kienet iddahhal il-vettura taghha u fuq ir-raff kienet tpoggi l-affarijiet tat-tfal. Hija pprezentat lista tal-oggeti li inharqulha markata bhala dok CV2 u minn esami ta' l-istess jirrizulta l il-ammont tad-danni li sofriet huwa fl-ammont ta' €6,830. Qalet li fil-lista kitbet dak li ftakret. Hija nzilet l-valur ta' l-oggetti li gew distrutti u qalet li xi uhud minnhom kienu ghadhom godda.

Mistoqsija jekk kellhex relazzjoni mal-akkuzat ghid li qatt ma kellha. Izda tghid li dan kien johrog ma kugina taghha u kien habib tal-familja taghha. Qalet li gili harget mieghu bhala hbieb u anke it-tfal kienet tiehu maghha xejn iktar minn hekk pero. pero' fl-ahhar xhur beda jippressa ghar-relazzjoni izda ma riditx. Qalet li pero' kien jissaportjaha hafna. Tghid li dan beda ipprssaha hafna u meta icemplilha u ma twegibux kien jibghatilha hafna messaggi u botti. Mistoqsija x'sar minnu missier uliedha tghid li kieu qatluh. Qalet li hija dejjem urietu li ma kellhix interess li ikollha relazzjoni mieghu minkejja il-pressjoni u insitenza tieghu. Tant li anke fis-2.00 a.m kien icemplilha id-dar, idoqq il-qanpiena u jvenven il-krozza, jaghfas il-gass u idur max-Cawla.

Murija i-messaggi li gew extracted mill-espert Max Xuereb tghid li dawn huma dawk li irceviet hi mill-akkuzat fuq il-mobile phone taghha. Dawk bil-kulur ahdar huma taghha waqt li dawk il-bojod huma tighu mibghuta lilha. Ikkonfermat li l-mobile phone taghha hu 99874516. Ikkonfemrat li qabeldan l-incident tal-hruq tal-garaxx tghid li kienet cemplet lill-pulizija u talbithom biex ikelmu lill-akkuzat biex ma idejjaqhiex iktar izda tghid li l-affarijiet skalaw minn dak in-nhar. Tghid li l-akkuzat kien iheddida u jghidilha li kien ser imut u fil-fatt anke marret tkellem lill-ommu dwar dak li kien qed ighidilha ghaliex ma riditx tkun responsabbli ghall-mewt tieghu.

In kontro esami tghid li l-akkuzat ma kellu xejn hazin salv li kien ossessjonat fuqha u kien qed idejjaqha hafna ghax ried bilfors johrog maghha u hi ma riditx. Qalet li kienet izzomm ir-rigali li kien itiha anke il-fus li kien jghaddilha kienet izomm. Murija id-dokument markat bhala dok BCS 6 tghid li dak hu l-envelope li kien fih is-somma ta' €200 u li kienet ghaddiet lill-pulizija.

In kontro esami nhar l-20 ta' Mejju 2021 tghid li l-oggetti tal-Milied li kellha fil-garaxx jiswew €1,000 u kienet tixtri minnhom kull sena. Christmas trees kellha tnejn, kellha ukol hafna decorations tal-Milied li jitwahlu mas-sigra, dwal cushions u blalen ghal mahhom. Ricevuta taghhom ma kellhiex u l-valur li tat kien wiehed approssimattiv.

**Saviur Farrugia** xehed nhar id-19 ta' Mejju, 2020 u kkonfermat li -vettura tal-ghamla Mitsubishi bin- numru ta' registrazzjoni FBF 494 hija registrata f'isem l-akkuzat u dan sa mit-28 ta' Settembru, 2018 u fil-fatt huwa esebixxa kopja tal-log book li gie markat bhala dok SF1.[9]

**Merga Cordina** xehdet nahr id-19 ta' Mejju, 2020 u qalet li hija tghix fuq dan il-garaxx li inharaq u tiftakar li kien jum is Sibt ghall-habta tal-4.00p.m meta semghet hafna ghajjat u twerziq minn ta' tahthom u mill-ewwel haseb li kien gara xi haga. Zewgha mar fuq wara tal-veranda u ra hafna duhhan. Mistoqsija jekk sofrietx xi danni tghid li le. Ikkonfermat li l-post taghha jinsab fit-tielet sular tal-blokka.

**Paul Cordina** xehed nhar id-19 ta' Mejju, 2020 u kkonferma li f'jum partikolari li ma setax jiftakar izda li kien f'April 2020 ghall-habta tal-4.00 p.m kien id-dar u semgha ghajjat u storbju u minn wara ra hafna duhhan hiereg mill-garaxxijiet. Qal li huwa jghix fuq il-garaxxijiet in kwistjoni. Jikkonferma li danni ma sofriex.

**Allison Mintoff** xehdet nhar id-19 ta' Mejju 2020 u tghid li kient id-dar u semghet hafn ghajjat u rat ftit duhhan griz izda dak il-hin ma tatx kaz iszda wara semghet qisu xi spluzjoni u gie duhhan iswed u bdiet tghajjat lit-tfal biex johorgu 'l barra ghax ma kienitx taf x'kien gara. Rat id-duhhan hiereg min wara min bejn il-hadid. Qalet li l-garaxx jinsab tahtha u fil-fatt id-*drive in* ghall-garaxxijiet hija tahtha ukoll. Tghid li danni ma sofritx f'dan l-akkadut.

**Sonia Balluci** xehdet nhar id-19 ta' Mejju, 2020 u tghid li nhar il-11 ta' April 2020 jum is-Sibt kienet id-dar issajjar wara nofsinhar u semghet hoss qawwi u harget tittawwal biex tara x'kien gara u rat id-duhhan iswed hiereg mill-garaxx u semghet zewg hsejjes ohra u wara qabdet it-tifla u telqet tigri 'l barra ghax bezghet. Dan il-garaxx ma jinsabx ezatt tahtha izda faccata. Danni ma sofritx f'dan l-incident.

[9] Fol. 245 tal-process

**Perit Claude Mallia** xehed nhar il-25 ta' Gunju, 2020 u spjega li kien inghata inkarigu biex jghamel stima tal-hsarat li gew kagunati fil-garaxx u fil-fatt huwa pprezenta ir-raprrot tieghu ai fini ta' dan l-inkarigu li gie markat bhala dok CRM1. Huwa kkonkluda li l-hsarat fil-fond jammontaw ghas-somma ta' €1.267.00.

**PS 698 Shaun Tabone** xehed nhar il-25 ta' Gunju, 2020 u jghid li nhar il-11 ta' April 2020 meta dahal ghax-xoghol ghall-habta tas-6.00p.m ra li kien hemm rapport li kien ghadu kif sehh spluzjoni f'xi bini tac Cawla ir-Rabat u kien hemm xi garaxx qed jiehu n-nar. Huwa mar fuq il-post u ra tac-Civil protection u pulizja tat-taqsima tat-traffiku li kienu qed jghalqu t-triq. Mill-ewwel stharrig li sar fuq il-post rrizulta li kien hemm garaxx qed jiehu n-nar u dan jappatjeni lil *Omissis* li kienet fuq il-post u dehret ixxukjata u fil-fatt talbet li tinghata l-ghajnuna.

Din giet mitkelma fuq il-post u stqarret li dakinhar stess kienet tkelmet mal-pulizija u qaltilhom li xtaqet li jkelmu lill-akkuzat ghaliex kien qed idejjaqha u biex jghidulu li hi ma tridx ikolha x'taqsam mieghu u sabiex ihalliha bil-kwiet. Tghid li kien heddiha li ser jghamillha xi haga u anke semmielha l-ex ragel taghha li kien gie maqtul,

Fil-garaxx ma kienx hemm vettura pero' kien hemm affarijiet taghha personali ghaliex kienet qed tuza il-garage bhala *store*. Il-garaxx inharaq kollu u gewwa ma kien ghad baqa' xejn hlief duhhan iswed u materjal mahrug. Fuq il-psot tkellem ukoll ma Sonia Balluci gara li tghix fil-parti ta' fuq tal-blokka u din qaltlu li kienet semghet xi spluzjoni u wara ftit semghet hoss iehor u l-hoss tant kien qawwi li l-kcina trieghdet. Huma hargu 'l barra ghaliex bezghu. Mar ikellem lil tac-Civil Protection ftit il-boghod u ma l-art ra li kien hemm mera ma l-art mixhuta hemm u wara irrizulta li kienet x'aktarx tappartjeni lill-vettura tal-akkuzat.

Fuq il-post bdiet l-investigazzjoni tal-pulizija u raw li kien hemm sgass fil-bieb tal-garaxx b'xi forza qawwija. Fuq il-bieb instabu marki u anke ftit zebgha bajda li jindikaw li l-garaxx seta gie sfurzat b'vettura ta' lewn abjad. Ic-cacciz tal-bieb instab mghawweg. L-ispettur informa lil Magistrat ta' l-ghassa u inzammet inkjesta u gew nominati diversi esperti.

Mistoqsi jekk rax il-vettura tal-akkuzat jghid li rah u innota li fuq quddiem fuq il-bumper kien hemm xi daqqa fuq quddiem pero' innota ukoll ikellu l-mera nieqsa. Jghid li mera giet migbura mill-espert Max Xuereb minn fuq il-post u ha l-fotografija necessarja pero' hu ma kienx prezenti.

In kontro esami jghamel referenza ghar-rapport tieghu u jghid li kien kiteb li '*fuq it-truk giet innutata daqqa fuq il-bumper ta' quddiem fuq in-naha tal-lemin u fuq il-mudguard u l-mera nieqsa.*' Vera li l-karozza kienet imdamdma pero' id-daqqa fuq quddiem kienet iktar 'deep'. Mistoqsi kemm kien wiesgha il-bumper jghid li ma jafx.

**Marco Bonnici** xehed nhar is-17 ta' Setembru, 2020 u qal li huwa jahdem bhala *station officer in charge* mill-istation ta' Ghawdex tac- Civil Protection. Nhar il-11 ta' April, 2020 gew imsejha fuq hruq li kien hemm fi Triq Patri Anton Debono, Rabat u kien qed jikkordina l-operazzjoni minn barra. Qal li meta mar fuq il-post il-garaxx kien ghadu qed jiehu n-nar. X'kienet il-akwza tan-nar pero' ma jistax jghid.

**Aaron Refalo** xehed nhar is-17 ta' Settembru ,2020, u qal li huwa akkompanja lil Marco Bonci fuq il-post fejn kien hemm ir-rapport dwar il-hruq u appena waslu fuq il-post dahu fil-garaxx u bdew jikklerjaw in-nar. Fil-fond f'nofs il-garaxx sabu li kien hemm sellun u tefghu in-nar li kien hemm fuq ir-raff li kien hemm fil-garaxx. Qal li fuq ir-raff kien hemm hafna affarijiet tad- dar speci ta' *store* . Mistoqsi jekk jafx kif infetah il-bieb jghid li ma jafx, jghid li sabuh miftuh meta waslu huma. Fuq il-post kien hemm nies fuq barra.

**ARO (Assistant rescue officer) Darren Xerri** xehed u spjega li nhar il-11 ta' April ,2020 kienu ircevew telefonata li kien hem garaxx li kien qed jiehu n-nar. Ghalhekk mar fuq il-post u hemmhekk sab duhhan kbir hiereg mill-garaxxijiet. Kien hemm mal-kollega tieghu Aaron Refalo li dahlu fil-garaxx. Sabu bieb daqxejn imbexxaq u fethuh u bdew jitfu n-nar u raw li n-nar kien gej minn fuq il-*loft* u .nnota li kien hemm sellun f'nofs il-garaxx. Mistoqsi jekk kienx hemm nies fuq il-post meta waslu jghid li kien hemm dawk l-erbgha min nies li jkun hemm is-soltu jaraw il-kommossjoni

**PC 932 Louis Bigeni** xehed nhar it-18 ta' Frar, 2021 u jghid li nhar il-11 ta' April 2020 ghall-habta tas-7.15 p.m PS Tabone hadu quddiem ir-residenza tal-akkuzat u cioe l-fond Ta' Loreto, Triq Marsalforn ,x Xaghra u qallu biex joqghod hemm jistenna lill-akkuzat jasal u qallu ukoll li dan ghandu Mitsubishi abjad bin-numru FBF 494. Dan

kellu jinfurmah appena l-akkuzat jasal fuq il-post. L-akkuzat wasal hemm ghall-habta tat-8.00p.m u minnufih gharfu li kellu jmur l-ghassa tal-pulizija tar rabat ghaliex riedu jkelmuh. Dan staqsih fuq xhiex u wara xi mumenti qallu *'mhux xi frame-u hux?'* Huwa wiegbu *'ma tarax'* u qalli li kien qed jimxi skond dak li talbu is-surgent. Wara li kien cempel l-ghasssa PS 698 Shaun Tabone nizel ghalih u hadu mieghu l-ghassa ghall-iktar investigazzjoni. Mistoqsi kif l-akkuzat wasal fuq il-post jghid li mar hemm bil-vettura li kienet giet indikata lilu.

**Francis Vassallo** xehed nhar it-18 ta' Frar, 2021 u kkonferma li huwa l-propretarju tal-garaxx li jinsab mikri lil *Omissis*. Qal li dan il-garaxx jinsab fi Triq Patri Anton Debono, Tac Cawla, Rabat. Qal li kien ilu mikri ghandha ghal dawn l-ahhar tlett snin. Muri l-ircevuta esebita a fol. 242 u markata bhala dok CV1 jghid li dik hija l-ircevuta fuq il-garage li gharaf fir-ritratti esebiti fl-atti a fol. 242 et seq.

L-akkuzat **Jimmy Mifsud** ghazel li ma jixhedx pero' kien irrilaxja stqarrija a *tempo vergine* tal-investigazzjoi u cioe nhar it-12 ta' April, 2020 li tinsab esebita fl-atti a fol 20 markata bhala dok BCS 5. Dan ikkonferma li mhux mizzewweg u li jghix fil-fond 'Loreto House', Triq M'forn Xaghra. Jghid li huwa sid il-vettura Mitsubishi bil-pjanca FBF 494. Jghid li lil *Omissis* jafha u ilu jafha ghal numru ta' snin. Jaghzel li ma jikkummentax jekk kellux xi relazzjonni maghha pero' jammetti li gili hargu flimkien jiehdu drink u li jiffrekwentaw id-djar ta' xulxin. Qalli huma ma humiex miggildin u jaf fejn tghix u fejn hu l-garaxx taghha.

Mistoqsi jekk marx wara l-bieb ta' *Omissis* nhar il-11 ta' April 2020 jghid li ma marx izda kien ar hdejn l-Ghar ta' Calypso mit-3.30p.m sas-7.00p.m u li kellu nies biex jikkonfermaw dan il-fatt. Mistoqsi x'ghandu xi jghid dwar il-hruq li subiet *Omissis* fil-garaxx jghid li ma jafx xejn u u ma kellu x'jaqsam xejn mieghu. Jghid li kien hdejn l-Ghar ta' Calypso il-hin kollu bejn it-3.00p.m u is-7.00p.m dak in-nhar tal-incident. Jinsisti li dejjem ix-Xaghra baqa' pero' ma kienx kapaci juri lill-pulizija fuq il-*google maps* minn fejn kien ghadda. Jghid li huwa sar jaf bin-nar ta' *Omissis* minghand l-pulizija li waqfu milli jidhol id-dar lejliet. Qal li l-mobile tieghu hu registrat mal-Melita u ghandu n-numru 99965980 u zammu mieghu dakinhar. Mistoqsi jekk ghandux l-mera tal-vettura imqacta jghid li ghandu l-mera imqacta u ilha imqacta xaghrejn jew tlieta u kienet tqactet fil-parking ta' l-isptar. Jghid li ma kienx sabha u rapport lill-pulzija dwar dan l-incident ma kienx ghamel. Dwar id-daqqiet li kellu

fuq quddiem jghid li l-vettura tieghu hija imdamdma dawra mejt pero' il-faccata ta' quddiem mhiex mimsusa. Qal li kien xtara din il-vettura minghand missier *Omissis* ghalkemm it-trak ma kienx registrat fuq ismu. Dwar id-daqqqa li ghandha il-vettura fuq in-naha tas-sewwieq jghid li din sehhet meta laqghat truk ippuntat li hemm hdjen il- Calypso.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti a fol. 396 et seq u hadet konsiderazzjoni tas-sottomissjonijiet orali maghmula fl-istess seduta tat-13 ta' Awwissu 2021.

Ikkunsidrat,

Illi f'din il-kawza l-appellant kien instab hati biss ta' l-ewwel akkuza u cioe' dik li volontarjament ta' n-nar lil garaxx mikri lil *Omissis* meta in-nar seta qabbad bini iehor li kien hemm sovrapost filwaqt li kien hemm persuni go fihom u dan bi ksur tal-artikolu 317 tal-Kodici Kriminali u gie kkundannat piena ta' tlett snin prigunerija. L-Avukat Generali ma interpona l-ebda appell min naha tieghu u ghalhekk din il-Qorti sejra tindirizza **biss** din l-akkuza.

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti:-

1. Nhar i-11 ta' April, 2020 *Omissis* kienet id-dar tircievi messaggi minghand l-akkuzat u tghid li kien qed idejjaqha ghax kien persistenti maghha ghaliex ried jistabilixxi relazzjoni maghha bil-fors u kellha ccempel lill-pulizija u titlobhom l-assitenza taghhom biex ikelmuh biex ma jkomplix idejjaqha u jhalliha fil-paci. Tispjega fix-xhieda taghha kemm kien persistenti f'dan ir-rigward.
2. Jirrizulta dak in-nhar stess ftit wara li sar dan ir-rapport li l-akkzuat gie mitkellem mill-pulizija u dan *Omissis* kienet tafu ghaliex is-surgent tal-pulizija cemplilha mill-ghassa u qallha li kien kelmu pero' ma setax jikkonfermalha li l-akkuzat ma kienx ser ikompli bl-agir tieghu.
3. Ftit wara waqt li kienet id-dar ma uliedha cempletilha ommha u staqsietha jekk kollox kienx sew ghaliex semghet xi *fire engines* ghaddejjin.
4. Ghall-ewwel ma tatx kaz izda meta harset mit-tieqa rat li kien hemm hafna duhhan u nar hiereg mil-garaxxijiet fejn kellha mikri l-garaxx.

5. Hija qabdet it-tfal libsithom u harget tigri bihom u marret faccata fid-direzzjoni tal-garaxx u hemmhekk indunat li kien l-garaxx taghha li kien gie moghti in-nar.
6. Tghid li fil-garage kellha hafna affairjiet u dan ghaliex kienet tuzah bhal speci ta' store u fil-fatt esebiet lista tal-oggeti li kellha go fih bl-istima approssimattiva taghhom.
7. Mistoqsija jekk kellhiex xi suspetti f'xi hadd tindika lill-akkuzat u minn hemm il-quddiem skattat l-investigazzjoni fuq l-akkuzat.
8. L-akkuzat gie arrestat dakinhar stess u sahansitra anke gie mitlub imur fuq il-post bil-vettura tieghu sabiex isiru xi testijiet ta' komparazzjoni ta' zebgha u sabiex jittiehdu xi kejl tal-bumper tal-vettura minn ma l-art u l-kejl ta' l-gholi tal-marka sewda li kien hemm mal-bieb ghal ma l-art.
9. Fuq ir-rapport tal-pulizija infethet inkjesta relattiva u l-Magistrat innominat numru ta' esprti fosthom l-espert tal-fotografija u tal *call localisations* Max Xuereb u l-espert tal-kimika Dr Daniel Vella u dan sabiex jsitabilixxi n-natura tal-hruq u sabiex jaghmel analizi taz-zebgha misjuba fuq l-bieb tal-garaxx.
10. Jinghad li l-akkuzat gie investigat u interrogat u nnega kul partecipazzjoni f'dan ir-reat u stqar li dakinhar tal-11 ta' April, 2020 bejn it-3.00p.m u is-7.00p.m kien il-hin kollu ix-Xaghra hdejn l-Ghar tal-Calypso u kellu l-mobile tieghu fuqu il-hin kollu. Cahad li kien mar ghand *Omissis* dakinhar f'xi hin.

Illi xhieda okkulari li raw il-xi hadd jaghti n-nar ma tresqux u ghalhekk f'din il-kawza din il-qorti ghandha tifli u tqis kul prova cirkostanzjali li tista turbot lill-akkuzat u l-akkuzat biss ma dan ir-reat u dan sabiex tara jekk il-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti kienx wiehed korrett jew le.

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tsprima ruhha fuq il-provi imresqa quddiemha in sostenr tal-akkuza odejrna hija tal-fehma li ghandha tghid ftit kliem fuq il-valur probaborju ta' provi indizzjarji.

Illi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta qalet hekk ghar-rigward tal-provi indizzjarji jew cirkostanzjali :

*"Prova indizjarja wahda, jekk tkun univoka w ma taghti lok ghall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuzat, tista' tkun bizzejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija."*[10].

Fil-kaz fl-ismijiet **r-Repubblika ta' Malta v George Spiteri[11]** il-Qorti sostniet is-segwenti:

*'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi."*

Fuq l-istess linja inisbu:

*'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat'*[12] .

Il-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha fuq provi cirkostanzjali, pero' sabiex din il-Qorti taccetta din t-tezi trid tkun sodisfatta li kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v David Gatt[13]**, li

*"provi cirkostanzjali huma bhal katina, li tintrabat minn tarf sa tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni."*

---

[10] Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Settembru 2008

[11] Deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju,.2002.

[12] Il-Pulizija vs Paul Grech. Deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali fis-6 ta' April, 2001

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-17 ta' Gunju, 1988.

B'zieda mas-suespost u ta' importanza kbira huwa dak li intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Lee Borg** [14] fejn gie ritenut li;-

> *'provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigw'. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu'.*

Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz, li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista torbot lil imputat b'mod univoku mar-reati addebitati lilu. Skond kif deciza fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil**[15]:

> *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika."*

Illi ghalhekk in vista tas-suespost il-Qorti sejra tikkonsidra l-provi cirkostanzjali tal-kaz.

Illi l-appellant fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu prezentata quddiem l-ewwel Qorti jghamel referenza ghal *presumptions of fact* li l-Qorti tista takkolji fil-gudizzju taghha biex tasal ghal sejba ta' htija. F'dan ir-rigward taghmel r riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Attard**[16]:.

Fi kliem **Sir Rupert Cross**, *'Presumptions of fact (praesumptiones hominis) are merely frequently recurring examples of circumstancial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact'.*

---

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-15 ta' Gunju, 1988

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-6ta' Mejju, 1961

[16] Qorti tal-Appell Kriminali; Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Deciza 22 ta' Settembru, 2016; Appell Nru: 127/2016

U fl-edizzjoni ta' l-2001 ta' **Archbold** jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt: '*A presumption arises where from the proof of some fact the existence of another fact may naturally be inferred without further proof from the mere probability of its having occurred. The fact thus inferred to have occurred is said to be presumed, i. e. is taken for granted until the contrary is proved by the opposite party…And it is presumed the more readily, in proportion to the difficulty of proving the fact by positive evidence, and to the facility of disproving it or of proving facts inconsistent with it, if it really never occurred.*' [**Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda** [17]."

Iggwidata ghalhekk b'dawn il-principji ta' dritt probatorju fil-kamp penali din il-Qorti trid tqis illi d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti kienet wahda ingusta u dan ghaliex dik il-qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha. Dan ghaliex il-provi ma jistabbilixxux l-presunzjoni ta' fatt li hu l-appellanti u hadd iktar li ta' n-nar lill-garaxx ta' *Omissis*. S'intendi bhal kull prova indiretta ohra iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Imiss issa li fid-dawl ta' dawn l-insejamenti jigi kkunsidrat ghaliex il-fatti specie tal-kaz ma jammontawx ghar-reat addebitat lill-imputat u senjatament l-akkuza li ta' n-nar lil garaxx mikri lil *Omissis* ai termini tal-artikolu 317 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi L-ewwel Qorti hadet nota tad-difiza li ressaq l-appellant u cioe' dik ibbazata fuq l-provi indizzjajri li resqet il-prosekuzzjoni ma dahlitx *in funditus* biex tiddiskutihom u tghid fejn effettivament ma qablitx maghhom. Dan qed jinghad ghaliex minkejja li fin-nota ta' sottomissjonijiet l-appellant jghamel kritika lejn il-mod kif il-prosekuzzjoni ibbazat il-kaz taghha fuq tlett provi indizzjajri xorta l-ewwel Qorti ghaddiet biex issib htija bla ma spjegat ghaliex kienet qed twarrab dak sollevat mill-appellant.

---

[17]Deciza mill- Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' April 2002

Din il-Qorti tinnota li l-appellant jghid li l-ewwel Qorti ibbazat l-htija taghha fuq dawn it-tlett konsiderazzjonijiet segwenti:-

1. Il-fatt li l-mera li instabet fl-art fit-triq fejn kien hemm l-akkadut kient tappartjeni lill-vettura tal-akkuzat.
2. Il- l-marki u iz-zebgha li instabu fuq il-bieb tal-garaxx.
3. Il-localisation tal-mobile u tal-call u l-SMS profiles.

Jirrizulta li l-prosekuzzjoni naqset li tipprezenta in-nota ta' sottomisjoni taghha. Din il-Qorti ghalhekk sejra tezamina it-tlett konsiderazzjonijiet fuq identifikati.

**Il-mera li instabet fit-triq.**

Jirrizulta skond ix-xhieda ta' **l-ispettur Bernard Spiteri** PS 698 kien infurmah li l-akkuzat kien irritorna lura id-dar dakinhar bil-pick up tieghu ta' kulur abjad u kien innota li l-mera kienet mqacta u kienet nieqsa minn fuq it-trukk u qallu ukoll li fuq ix-xena tad-delitt fejn it-trukkijiet tal-*fire engine* kien innota mera fl-art pero' ighid li qallu li ma kienx gabarha ghaliex ma kienx issupona li kellha x'taqsam ma dan l-incident ghaliex kienet metri 'l boghod. Minkejja dan jghid ix-xhud li s-surgent rega' mar fuq il-post u ra li din l-mera kienet ghadha hemm u ghalhekk huwa informa lill-espert Max Xuereb u dan mar fuq il-post u ffotografha u gabarha fil-kapacita tieghu ta' eseprt tal-Qorti. PS 698 jikkonferma li l-mera giet migbura mill-espert Max Xuereb minn fuq il-post u ha l-fotografija necessarja pero' hu ma kienx prezenti. Jghid b' referenza ghar-rapport tieghu li huwa kien indika li l-pick up 'gie nutat li kellu daqqa fuq il-bumper ta' quddiem fuq in-naha tal-lemin u fuq il-mudguard u l-mera kienet nieqsa.' Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-vettura tal-akkuzat kellha mera nieqsa u li fl-ekwati instabet mera pero' l-rposekuzzjoni ma tridx tasal s'hawn biss izda trid tipprova li l-mera li instabet fl-ekwati ftit il-metri l-boghod mill-hruq kienet fil-fatt tappartjeni lil vettura tal- akkuzat u lil had iktar.

F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma kellhiex l-ammissjoni tal-akkzuat li jghid li l-mera li instabet kienet tieghu anzi ad dirittura l-appellant jghid fl-istqarrija tieghu li kien jaf li m'ghandux mera fil-vettura tieghu izda li kien tilifiha xi xaghrejn jew tlieta qabel l-akkadaut fil-parking ta' hdejn l-isptar. Fl-ebda hin ma l-pulizja uriet l-mera lill-akkuzat biex issaqsih jekk fil-fatt kienitx tieghu biex ikun jsita jidentifikaha.

Il-Qorit tistaqsi x'jghidu l-esperti nominati fl-inkjesta dwar din il-mera?

L-espert Max Xuereb jikkonferma li kien iffotografa din il-mera fuq il-post fejn instabet. Referenza issir ghar- rapport taMax Xuereb a fol. 164 u 165 ta' l-atti fejn jirrizulta li ma l-art kien hemm mera ta' kulur iswed qadima imqacta. Rat ukoll ir-ritratt a fol. 174 fejn jidnika fejn l-mera kienet imwahla. L-ewwel Qorti pero' naqset li tinnomna espert mekkaniku sbaiex jesamina l-mera u jghamel fit taghhamal-vettura tal-akkzut u jikkonferm ali hija l-istess tip ta' mera I titwahhal f'dik it-tip ta' vettura. Jew li addiritttura l-brix fuqha jekk kien hemm kienu friski jew li fuq il-vettura kien hemm xi sinjali li l-mea tqactet ricentement

Dr Daniel Vella dwar il-mera ighid li huwa ma ezaminahiex ghaliex dak ma kienx l-inakrigu tieghu pero' jghid li l-iswed li instab fuq il-bieb tal-garaxx ma giex mill-bumper tal-vettura ghax dak kien tal-metal izda jahseb li gie probabilment minn fuq il-mera. pero' fir-rapport tieghu dan ma stabilihx u dan ghaliex ighid ex admisses '*sfortunatament l-istrument li ghandi ma setax jgharaf.'* Illi dan l-espert ma jaghti l-ebda prova xjentifika li torbot il-mera li instabet ma l-art mal-mera li kellu nieqes l-akkuzat. Jghid biss li probabilment iz-zebgha sewda fuq il-bieb tal-garaxx gie probabilment mil-mera. pero' kif wasal ghal din l-asserzjoni gratwita ma jghidx. Il-Qorti fliet ir-relazzjoni tieghu biex tara jekk hemmx xi prova zghira kemm hi zghira li torbot il-mera mal-van tal-akkuzat izda ma hemmx. Dan hu nuqqas kbir tal-uffficcjal investigattiv li ma indikax lil Magustrat ta' l-ghassa li kien hemm bzonn espert biex janalizza l-mera u jikkonferma jekk dik il-mera tqactitx mill-vettura tal-akkuzat fis-sens li kien hemm 'fit'. Dan ma sarx. Lanqas ma gie nomiant fl-atti tal-kumpilazzjoni espert mekkaniku sabiex jiddiskrivi l-mera u jghid jekk effettivament kientix l-sites mera lli kien hemm iwahla mal-vettura tal-akkuzat. Dan seta isir facilmetn ghaliex l-vettura kient giet pprzentata f'dawn l-atti u kient tinsab fil-compound tal-pulizija

Il-Qorti rat ir-ritratti tal-vettura tal-akkuzat esebiti a fol. 168 et seq u tghid li verament l-vettura kienet imdamdma mimlija daqqiet u huwa minnu ukoll li uhud minnhom saru zmien qabel ghaliex kellhom is-sadid. Ma hemmx bzonn ta' espert biex jindika dan il-fatt u dan ghaliex il-Qorit tista tistabilixxi tali fatt *icto oculi*. Il-qorti tikkonkludi dwar din l-allegat prova indizzjonajra li l-prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-univocita taghha u dan ghaliex daqs kemm l-mera tista tappartjeni lill-vettura tal-akkuzat tista tappartjeni lil kul vettura ohra. Lanqas prova tal-ghamla tal-mera ma ingabet fis-sens li hija mera li titwahhal ma dawn it-tipi ta' pick ups ma ingab xejn

minn dan. Ghal din il-Qorti, din il-mera ghandha titqies bhal kul mera kwalumkwe li instabet fit-triq .Kif tista l-Qorti sal grad tal-probabbli jew sal grad inqas li kellha tipprova id-difiza tghid li l-mera li instabet kienet tal-akkuzat meta l-espert Dr Daniel Vella jghid li huwa waqaf milli jezamina iz-zebgha iswed li instab fuq il-bieb tal-garaxx li fil-fehma tieghu probabli giet mil-mera meta huwa jghid li *"l-apparat ma bediex itini sinjal u ma tanix sinjal so I stopped'*. Zgur li tali rizultat jekk jissejjah rizultat huwa wiehed inkonklussiv.

**Il-Marki li instabu fuq il-bieb tal-garaxx**

F'dan ir-rigward il-pulizija li marru fuq il-post jghidu li fuq il-bieb tal-garaxx kien hemm xi marki u a bazi ta' din ix-xhieda l-Magistrat ta' l-ghassa kienet innominat ll Dr. Daniel Vella espert tal-kimika sabiex jghamel xi analizi komparattivi bejn iz-zebgha li kien hemm fuq dan il-bieb u z-zebgha li kien hemm fuq il-vettura tieghu.

Dr Daniel Vella fir-relazzjoni tieghu a fol. 216 ta' l-atti jghid hekk dwar l-analizi li ghamel tal-kamojuni taz-zebgha: " *L-esponent jikkonferma li z-zebgha bajda li instabet fuq il-wicc ta-bieb tal-garaxx numru 23 f 'St francis Court, Triq Patri anton Debono kient ta' komposizzjoi simili ghal dik li ttihdet minn fuq ilparafangu ta' quddiem tal-Mitsubishi pick up FBF 494. Kemm il-frament taz-zebgha estratt minn fuq il-pickup FBF 494 u dak elevat minn fuq il-wicc tal-garax kienu t-tnejn li huma maghmulin mill-kompost Titanium Diocide li huwa pigment abjad. "* Jghid ukoll*" li z-zewg kamojuni ta' zebgha sewda ma setghux jigu analizzati bit-teknika tal-micro Roman Spectometry u ghaldaqstant risultati definittivi ta' dawn il-kampjuni ma kellux.'*

Ghalhekk fid-dawl ta' din l-affermazzjoni li r-risultati xjentifici ma kienux definittivi din il-Qorti kellha tistrieh fuq provi ohra. Jirrizulta minn dak li qal l-espert Max Xuereb li t-tracci taz-zebgha iswed mal-bieb huma f'livell notevolment aktar gholi mill-art tad-*driveway* tal-garaxx mill-gholi tal-parafangu ta' quddiem tat-trak tal-appellant. Skond Max Xuereb z-zebgha sewda fuq il-bieb kien gholi 42 pulizieri mill-art waqt li l-parafangu huwa gholi 16 il-pulzier mill-art. Huwa ukoll interessati dak li qal l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu li minkejja li l-parafangu tal-vettura tal-akkuzat kellu jhalli impatt mal-bieb mal-bieb tal-garaxx ma instab l-ebda tracci ta' zebgha ta' kulur iswed li tikkorrispondi mal-gholi tal-parafangu minn ma l-art. Ghal darb ohra l-esami tieghu kien wiehed inkonklussiv.

Dwar iz-zebgha bajda li allegatament instabet fuq il-bieb tal-garaxx il-prosekuzzjoni pprouvat tghamel ness bejnu u bejn iz-zebgha bajda tal-vettura pero' ma irnexxilhiex ghaliex Dr Vella jghid li fil-kampjun taz-zebgha li huwa esamina kien hemm it Titanium Dioxide pero' meta xehed viva voce il Qorti nhar l-20 ta' Mejju, 2021 u mistoqsi dwar dan il-komponent ta' Titanium Dioxide jghid li jekk jigi mistoqsi jekk vetturi ohra ta' zebgha bajda ghandhomx pigment ta' 'Titanium Dioxide jghid iva u jispjega ahjar billi ex admises jghid " *Jigifieri vetturi ohra bojod ghandhom probabilment l-istess ghax ma nistax inkun mija fil-mija cert imma itTitanium Dioxide jinstab ukoll fl-abjad ta' hafna vetturi."*

Illi ghalhekk din ir-relazzjoni tal-eseprt Daniel Vella flimkien max xhieda tieghu moghtija viva voce il-Qorti ma jwaslux lil din il-Qorti biex tikkonkludi li z-zebgha fuq il-bieb tal-garaxx kienet l-istess zebgha li kien hemm fuq il-karozza tal-appellant

**Localisation tal-mobile u tal call u SMS profiles**

Din il-Qorti kellha tesamina bir-reqqa ir-rapport li ghamel l-espert Max Xuereb f' dan ir-rigward.

Din il-Qorti tirrileva li l-espert Max Xuereb qeda l-inakrigu tieghu a bazi tad-dokuemtnazzjoni li setghet giet moghtija lilu mis-socejta Melita. Huwa minnu kif tajjeb osservat id-difiza li fl-atti ma gie ingunt hadd biex jikkonferma l-kontenut tad-dokument esebit fl-atti a fol. 103 allegatament mahrug mill Melita.Dan id-dokument hareg in risposta ghal rikjesta li allegtament ghamel l-espert Max Xuereb lil din is-socjeta pero' x'intalab f'din ir-rikjesta tieghu ma hawnx fl-atti stante li tali rikjesta ma gietx esbita fl-atti. Dan id-dokument a fol. 103 mhux iffirmat u ghalhekk anke is-sors ta' min hargu huwa mistur. Jinghad f'din l-ittra li allegatament Max Xuereb kien talab ghal informazzjoni dwar MSISDN number 99965980 pero' min tah din l-informazzjoni ma jirrizutlax mill-atti lanqas. In oltre jirriulta ukoll li ma din l-ittra kien hemm allegatament anness dokument li kien markat bl-ittra 'A' pero' id-dokument A anness ma din ir relazzjoni hija dokument li irredgia l-espert Max Xuereb u zgur li mhux id dokument li gie mibghut lilu.

Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tghamel il-verifiki taghha jekk il-kontenut tad-dokument A imhejji mill-espert Max Xuereb jirriflettix id-dokument A li allegatament gie mghoddi lilu flimkien ma l-ittra datata 22 ta' April 2020 a fol. 103.

Din mhiex il-manjera kif ghandhom jigu esebiti l-provi f'proceduri penali. Il-prosekuzzjoni messha harket l-persuna li harget dan id-dokument biex jixhed u jispegea ic-cirkostanzi ta' kif harget din l-ittra min hadem fuqha u biex tigi konfermata bil-gurmaent viva vice sabiex xtikkostitwixxi l-ahjar prova. F'danid-dokument ma hemm l-ebda identifikazzjoni ta' xejn.

Mhemmx dubbju ghalhekk li l-espert Max Xuereb ghamel l-esami tieghu a bazi ta' dokumentazzjoni li ma hix ammisibli bhala prova u dan ghaliex qatt ma giet konfermata mill-persuna li hargitha. U ghalhekk l-appellant ghandu ragun jghid fir-rikors ta-appell tieghu li tali rapport redatt minn Max Xuereb ghandu jigi skartat fir rigward ta' dak li jirreferi ghall- prova ta' localisations jew materje li ghandhom x' jaqsmu mal-mobile phone tal-akkuzat. L-espert tal-Qorti ma setghax jasal ghal konkluzjoni tieghu a bazi ta' dokument li mhux iffirmat u mhux identifikat u mhux mahluf mill-persuna li hargitu. Dan id-dokument fil-proceduri penali ma iservi ta' xejn u m' ghandux jinghata widen u m ghandux jigi kkunsidrat bhala prova ammissibli.

Huwa minnu ukoll li mill-provi processwali ma jirrizultax l-ahjar prova dwar in-numri tat- telefon li kien regsitrat f'isem l-akkuzat u dan ghaliex l-ahajr prova kienet tkun sabiex jitressaq ir-rappresentant tas-socjeta cellulari ma min kien registrat bhala *registered owner*. Din il-Qorti kienet tistenna li jigi ingunt tali xhud biex jikkonferma l-MSISDN u localisations tal- SMS fil-gurnata u hinijiet indikati fir- relazzjoni ta' Max Xuereb . Il-mobile pohone ta' l-akkuzat allegatament ma instabx u ghalhekk din il-qorti lanqas ma setghet tara hi stess l-mobile phone sabiex tifthu u tara l-MSISDN number tieghu. Huwa evidenti li l-eseprt Max Xuereb strah fuq dokumenti li inghataw lilu minn terzi persuni injoti.

Illi fll-istatement li irrilaxja l-akkuzat dan ma giex mistoqsi jekk marx fl-inhawi ta' tac- Cawla Housing Estate izda gie mistqosi jekk tkellimx ma jew iltaqghax ma *Omissis* dakinhar tal-incident. Huwa minnu li l-akkuzat jghid li ma iltaqghax u lanqas ma tkellem ma *Omissis*. Waqt li *Omissis* tghid li l-akkuzat mar wara l-bieb tad-dar taghha tant li kellha iccempel lill-pulizija biex iwaqfuh milli jkompli idejjaqha.

Il-Qorti rat l-okkorrenza esebita fl-atti a fol 19 datta 11 ta' April, 2020 u jirrizulta li *Omissis* rraportat ghall-habta ta' 14.35 li f'xi qabel l-akkuzat kien wara l-bieb taghha

u beda ihabbat mal-bieb tal-flat u x'hin ma fethitx beda jghajjat fil-komun. Allura mhemmx dubju li fil-filmati tac CCTV s li gew esebiti jirrizulta li l-akkuzat kien fl-inhawi ta' Tac Cawla H/E nhar il-11 ta' April 2020 ghall-habta ta' 3.45 p.m' . Hawnhekk ukoll ma jirrizultax minn fejn gew mehuda id-dowloads tal-filmati esebiti fl-atti

L-akkuzat meta gie mistoqsi fejn kien dakinhar tal-11 ta' April 2020 wara nofsinhar jghid li kien hdejn l-ghar ta' Calypso. Dan il-fatt li l-akkuzat kien hdejn l-Ghar ma hux kontestat ghaliex fil-fatt huwa konfermat ukoll mix-xhieda ta' l-Ispettur Bernard Spieri u PS Eldon Spiteri li jghidu li raw lill-akkuzat imfixkel hdejn l-Ghar Calypso ghall-habta ta' 5.50p.m. Ghalhekk dak li huwa zgur hu li ftit qabel ma sar ir -rapport dwar il-hruq l-akkuzat ma kienx hdejn Ta' Cawla H/E izda kien hdejn l- Ghar ta' Calypso.

Dwar il-filmati u stills mehuda mi CCTV cameras ma jirriuzltax minn fejn ittihdu dawn il-cameras u kemm fil-fatt kienu boghod mill-akkadut. Kif intqal supra ma hemmx dubbju li l-akkzuat dakinhar tal-11 ta' April 2020 kien fl-ekwati f'xi hin madwar l-4.00p.m kuntrarjament ghal dak li jghid hu pero' dan wahdu ma jfissirx li kien hu li kebebs in-nar. Din il-Qorti thoss li dan il-kaz seta gie investigat hafna ahjar fir rigward ta' provi xjentifici u teknici u dan sabiex din il-Qorti kienet tkun priva minn dan id-dubbji kollha li hija ghandha Il-prova li l-akkuzat kien fl-ekwati dakinhar wahedha ma hiex bizzejjed biex tippunta ghal htija tal-akkuzat. Tali prova wahedha ma twassalx ghal direzzjoni wahda izda ghal direzzonijiet varji u ghalhekk din il-Qorti ma hiex ser torbot fuqha.

Konsegwentement din il-Qorti qeda tilqa' l-appell tal-appellant u filwaqt li qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza mghotija mill-ewwel Qorti fejn ma sabitx htija fil-konfront tal-akkuza fir-rigward tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' tal-hames u tas-sitt akkuza qeda tirrevoka di il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-akkuzat hati ta' l-ewwel akkuza u dan billi qed tiddikjara li ma hix qed issibu hati ta' din l-ewwel akkuza u tilliberah minn kul imputazzjoni u piena.

Konsegwentement qeda tirrevoka ukoll l-ordni ta' konfiska moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward il-vettura Mitsubishi FBF 474 u tordna ir-rilaxx immedjat taghha.

Qeda tordna ir-revoka tal-Ordni ta' Protezzjoni moghtija ai termini tal-artikolu 412C u 540A tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Ordni sabiex ikun hemm hlas ta' €1,000 lil *Omissis* ai termini tal-artikolu 532A tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Qeda ukoll tordna ir-revoka tal-Ordni moghtija mill-ewwel Qorti sabiex l-akkuzat ihallas l-ispejjez konessi man nomina ta' l-esperti.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-espert Max Xuereb u dan sabiex jiehu konjizzjoni ta' dak li ntqal fir-rigward l-qadi tal-funzjonijiet tieghu

Il-Qorti tordna ir-rilaxx tal-vettura Mitsubishi FDF- 474 esbita f'awn l-atti.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef